KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.5.2011
SEG(2011) 541 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-assigurazzjoni tal-ħajja tagħna, il-kapital naturali tagħna: l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020

{KUMM(2011) 244 finali}
{SEG(2011) 540 finali}

1. Introduzzjoni

F'Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew adotta mira ewlenija ambizzjuża ġdida għall-bijodiversità biex tieħu post il-mira tal-2010 li kienet waslet biex tiskadi. Il-mira ewlenija l-ġdida titlob li sal-2020, ma tintilifx aktar bijodiversità u d-degradazzjoni tas-sistemi ekosistemiċi tieqaf u safejn ikun possibbli li dawn jitreġġgħu lura, filwaqt li tiżdied il-kontribuzzjoni tal-UE biex jiġi evitat it-telfien globali tal-bijodiversità.

Il-qafas politiku attwali dwar il-bijodiversità mhuwiex sejjer jippermetti lill-UE sabiex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tal-2020. Għalhekk, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa strateġija ġdida, li għandha tinkludi miri kif ukoll miżuri u azzjonijiet neċessarji, fattibbli u kosteffikaċi sabiex tilħaqhom. Il-Kunsill talab li l-istrateġija tirrifletti r-riżultati eventwali tal-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD CoP10), li saret f'Nagoya, il-Ġappun f'Ottubru 2010, u li din titlesta malajr kemm jista' jkun wara dik il-laqgħa.

2. Id-definizzjoni tal-problema

Il-linja bażi tal-bijodiversità tal-UE tal-2010 turi li bħala medja, 17% biss tal-ħabitats ivvalutati huma fi stat ta' konservazzjoni favorevoli u sa 25% tal-ispeċi tal-annimali fl-UE qed jiffaċċjaw ir-riskju ta' estinzjoni. Ħafna mis-sistemi ekosistemiċi ma għadhomx f'pożizzjoni li joffru l-aħjar kwalità u kwantità ta' servizzi basiċi bħad-dakkir tal-għelejjel, arja nadifa u ilma nadif, u l-kontroll tal-għargħar jew tal-erożjoni, li huma l-bażi ta' ħafna attivitajiet ekonomiċi.

Il-bijodiversità tal-Ewropa tibqa' tiffaċċja theddida serja mit-telf tal-ħabitat minħabba tibdil u frammentazzjoni fl-użu tal-art; it-tniġġis; l-isfruttar eċċessiv/l-użu insostenibbli tar-riżorsi; l-ispeċi invażivi u t-tibdil fil-klima. Dawn il-pressjonijiet kollha huma jew kostanti jew qegħdin jiżdiedu fl-intensità. Is-sitwazzjoni hija simili fuq livell globali. Il-pressjonijiet huma msaħħaħ minn xpruni indiretti li għandhom x'jaqsmu pereżempju mal-għażliet demografiċi u kulturali/stil tal-ħajja, mal-fallimenti tas-swieq, u mal-istruttura, id-daqs u t-tkabbir ekonomiku.

Din id-degradazzjoni u dan it-telfien għandhom konsegwenzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali sinifikanti fl-UE u fil-livell globali. Pereżempju, it-telf ta' artijiet mistgħadra f'xatt ix-xmara għandu impatt fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, minħabba servizzi mnaqqsa ta' kontroll tal-għargħar, inqas purifikazzjoni tal-ilma inqas servizzi u faċilitajiet ta' rekreazzjoni u inqas ħżin tal-karbonju. Xi setturi tan-negozju huma partikolarment affettwati, għaliex jiddependu fuq il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi kemm direttament kif ukoll indirettament. It-telf tal-bijodiversità għandu wkoll impatti fuq l-impjiegi, għaliex fl-Ewropa wieħed minn kull sitt impjiegi huwa b'xi mod marbut mal-ambjent u mal-bijodiversità, kemm direttament kif ukoll indirettament. Dan jillimita wkoll it-twassil ta' bosta sistemi ekosistemiċi li huma essenzjali sabiex il-popolazzjoni tinżamm b'saħħitha, mill-forniment tal-ikel u tal-ilma tax-xorb sal-arja nadifa u l-mediċina. Barra minn hekk, huwa għandu effett qawwi fuq il-koeżjoni territorjali tal-UE, minħabba li l-bijodiversità u l-ekosistemi jgħaqqdu flimkien in-nisġa soċjali u l-identità ta' ħafna mir-reġjuni Ewropej.

L-azzjonijiet proposti f'dan id-dokument huma dawk fejn l-UE għandha l-aktar valur miżjud u influwenza. Madankollu, huwa ċar li mingħajr azzjoni parallela fuq livell ta' Stat Membru, ma jkunux biżżejjed biex iwasslu għall-mira li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità. Is-suċċess fl-ilħuq tal-mira ewlenija tal-2020 jiddependi fuq taħlita ta' miżuri tal-UE u dawk nazzjonali, reġjonali jew lokali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-azzjonijiet ivarjaw fost l-Istati Membri u minn reġjun għal ieħor.

3. OBJETTIVI U MIRI

L-objettiv ġenerali huwa l-mira tal-UE2020 u t-tliet komponenti tagħha. L-ilħuq tal-mira ewlenija tal-2020 huwa meqjus ukoll bħala pass intermedjarju lejn l-ilħuq tal-objettiv stipulat fil-viżjoni tal-2050, u bħala mezz ta' kif jiġi ssodisfat l-impenn tal-UE lejn il-miri globali tal-bijodiversità tal-2020.

L-objettivi speċifiċi huma identifikati, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-fatturi li wasslu għan-nuqqas min-naħa tal-UE milli tilħaq il-mira tagħha tal-2010 u l-ħtieġa li jiġu riflessi l-miri globali tal-bijodiversità li ġew miftiehma waqt is-CBD CoP10. Il-valutazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE turi li tnejn mill-ixpruni diretti tat-telf tal-bijodiversità — it-tibdil fil-klima u t-tniġġis — ma jikkostitwixxux diskrepanzi maġġuri fil-politika. Għall-kuntrarju, it-tibdil fl-użu tal-art; l-użu eċċessiv/l-użu insostenibbli tar-riżorsi; u l-ispeċi aljeni invażivi jikkostitwixxu diskrepanzi sinifikanti. Bħala riżultat ta' dan, it-tliet objettivi speċifiċi jiffukaw fuq l-indirizzar ta' dawn l-ixpruni. It-tliet objettivi speċifiċi li jibqa' jirreaġixxu għall-viżjoni tal-2050 u l-mira ewlenija tal-2020 titlob sabiex il-bijodiversità u s-sistemi ekosistemiċi kemm fl-UE (kemm fi ħdan kif ukoll lil hinn min-netwerk taż-żoni protetti ta' Natura 2000) kif ukoll fuq livell globali, jinżammu u jittejbu.

Għażliet għall-miri operattivi u l-livelli differenti ta' ambizzjoni ġew imbagħad ikkunsidrati fuq il-bażi tal-potenzjal tagħhom li b'mod effiċjenti jibnu fuq il-linja bażi sal-2020 sabiex iwasslu għall-mira u l-viżjoni globali. Is-sitt miri operattivi kienu (Tabella 1).

Objettivi ġenerali	Objettivi speċifiċi	Miri operattivi
Ma tintilifx aktar bijodiversità u tieqaf id-degradazzjoni tas-sistemi ekosistemiċi fl-UE sal-2020	L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats	T1 – Li titwaqqaf id-deterjorazzjoni fl-istatus tal-ispeċi u tal-ħabitats kollha koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar in-natura u li jinkiseb titjib sinifikanti u li jista' jitkejjel fl-istatus tagħhom biex sal-2020, meta mqabbla ma' valutazzjonijiet attwali: (i) 100% aktar valutazzjonijiet tal-ħabitats u 50% aktar valutazzjonijiet ta' speċi skont id-Direttiva dwar l-Ħabitats juru titjib fl-istatus ta' konservazzjoni; u (ii) 50% aktar valutazzjonijiet ta' speċi skont id-Direttiva dwar l-Għasafar juru status sigur jew imtejjeb .
	Kontribuzzjoni ikbar millagrikoltura u l-forestrija għall-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-bijodiversità*	T3a – Sal-2020, ikunu massimizzati żoni li għandhom kultivazzjoni agrikola bħal mergħat ta' art, art li tinħadem u uċuħ tar-raba' permanenti li huma koperti mill-miżuri tal-PAK relatati mal-bijodiversità li jiżguraw il-konservazzjoni tal-bijodiversità u li għandhom iwasslu għal titjib kalkolabbli(*) fl-istatus ta' konservazzjoni ta' speċi u ħabitats li jiddependu fuq jew li huma affettwati mill-agrikoltura u fil-provvediment ta' sistemi ekosistemiċi meta mqabbla mal-Linja Bażi tal-UE tal-2010 u li b'hekk ikunu ta' kontribut għal ġestjoni msaħħa sostenibbli. T3b – Sal-2020, ikunu fis-seħħ il-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Foresti jew strumenti ekwivalenti f' konformità mal-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti (SFM)[1], għall-foresti kollha li huma proprjetà pubblika jew għal ażjendi

[1] Kif definit f'SEC(2006)748

		forestali li huma ikbar minn ċertu daqs (**) (għandu jkun definit mill-Istati Membri jew reġjuni u kkomunikati fil-Programmi għall-Iżvilupp Rurali tagħhom) li jirċievu fondi mill-Programm għall-Iżvilupp Rurali tal-UE, biex iwasslu għal titjib kalkolabbli (*) fl-istatus ta' konservazzjoni ta' speċi u ħabitats li jiddependu fuq jew li huma affettwati mill-forestrija u mill-provvediment ta' servizzi ta' ekosistema relatati kif imqabbel mal-linja bażi tal-UE għall-2010. (*) Għaż-żewġ miri, it-titjib għandu jkun ikkalkolat meta mqabbel mal-miri ta' titjib kwantifikati għall-istatus ta' konservazzjoni ta' speċi u ħabitats ta' interess għall-UE f'Mira 1 u għar-ristorazzjoni ta' ekosistemi degradati taħt il-Mira 2. (**) Għal aġendi forestali iżgħar, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi addizzjonali li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' Pjanijiet għall-Ġestjoni jew strumenti ekwivalenti li huma konformi mal-SFM
	L-iżgurar tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd	T4 – Jinkiseb Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY)[2] sal-2015[3] . Jinkisbu età tal-popolazzjoni u distribuzzjoni tad-daqs indikattivi ta' stokk b'saħħtu, permezz tal-ġestjoni tas-sajd mingħajr l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq stokks, speċi u ekosistemi oħra, bħala appoġġ biex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb sal-2020, kif meħtieġ skont id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.
	Mitigazzjoni ta' speċi aljeni invażivi	T5 – Sal-2020, l-ispeċi eżotiċi invażivi (IAS) u jiġu identifikati u prijorizzati l-mogħdijiet tagħhom , l-ispeċi ta' prijorità jiġu kkontrollati jew meqruda, u l-mogħdijiet ikunu ġestiti biex tiġi evitata l-introduzzjoni u l-istabbiliment ta' IAS ġodda.
Ristorazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema safejn possibbli	Il-preservazzjoni u r-ristorazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom	T2 – Sal-2020, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom jiġu preservati u msaħħa permezz tal-istabbiliment ta' infrastruttura ekoloġika u r-ristorazzjoni ta' mill-inqas 15% tal-ekosistemi degradati.
Kontribuzzjoni ikbar tal-UE biex jiġi evitat it-telf globali tal-bijodiversità	Għajnuna biex jiġi evitat it-telf globali tal-bijodiversità	T6 – Sal-2020, l-UE tkun żiedet il-kontribut tagħha biex jiġi evitat it-telf globali tal-bijodiversità.

Tabella 1: Objettivi ġenerali u speċifiċi u miri operattivi

4. MIŻURI U IMPATTI RELATATI

Sabiex kull mira tintlaħaq, qiegħed jiġi propost sett koerenti ta' miżuri kumplimentari. L-impatti probabbli ta' dawn il-miżuri huma analizzati kontra kriterji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, li jiddistingwu bejn it-tip ta' miżura meta jkun xieraq.

Billi ħafna mill-miżuri sejrin jiġu elaborati u analizzati aktar fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt li sejrin jittieħdu fil-kuntest ta' proposti politiċi oħrajn li huma ppjanati, l-impatti huma l-aktar ivvalutati fuq livell kwalitattiv (Tabella 2). L-importanza tal-effetti kwantitattivi aggregati hija indikata fejn possibbli , u għal skopijiet illustrattivi jingħataw ukoll eżempji ta' każijiet speċifiċi normalment fil-livell ta' proġett. Fejn rilevanti, id-distribuzzjoni tal-impatti fl-UE u l-impatti internazzjonali mistennija huma wkoll ivvalutati.

---

2 Waqt is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2002, l-UE ffirmat għall-mira li tikseb livelli tal-MSY sal-2015 u għall-miri l-ġodda tal-2020 dwar is-sajd adottati f'CBD CoP10.

3 Jista' ma jkunx fattibbli li sal-2015 l-MSY jintlaħaq għall-istokks kollha minħabba li xi stokks għadhom ma ġewx ivvalutati. Għall-istokks li għadhom ma humiex evalwati, għandu jiġi applikat l-Approċċ Prekawzjonarju.

		Effetti Ambjentali	Effetti Ekonomiċi	Effetti Soċjali
T1	+	Iżjed bijodiversità u servizzi tal-ekosistema minn siti ta' Natura 2000, reżiljenza aħjar għall-fatturi li joħolqu pressjoni bħat-tibdil fil-klima. Sinerġiji mad-WFD u mal-MSFD.	Iktar benefiċċji mis-sistemi ekosistemiċi. Opportunitajiet limitati ta' negozju privat f'Natura 2000.	Żieda fl-impjiegi f'żoni rurali fuq medda medja ta' żmien.
	-		Frazzjoni tal-ispejjeż totali ta' amministrazzjoni ta' EUR 5.8 biljun fis-sena.	Possibbiltà ta' telf ta' impjiegi fuq medda qasira ta' żmien minħabba aċċess ristrett għar-riżorsi.
T2	+	Ekosistemi u servizzi ppreservati u mtejba, bħall-arja nadifa u l-ilma nadif, il-ħażna tal-karbonju u l-kontroll ta' diżastri naturali. Reżistenza aħjar tal-ekosistemi u inqasvulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Sinerġiji mad-WFD u mal-MSFD.	Iktar benefiċċji mis-sistemi ekosistemiċi. L-ebda stima aggregata ta' benefiċċji, iżda evidenza fuq bażi ta' proġett tar-relazzjoni bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż fil-medda bejn 3 u 75. Opportunitajiet ġodda ta' investiment għan-negozji u l-potenzjal għal-innovazzjoni. Benefiċċji għall-mitigazzjoni tal-klima.	Diversi benefiċċji soċjali, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali, bħal impatti pożittivi fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja, benefiċċji estetiċi u psikoloġiċi, espożizzjoni mnaqqsa għad-diżastri naturali, opportunitajiet ġodda ta' xogħol fir-restawr u l-konservazzjoni.
	-		Spejjeż li jammontaw għal bosta biljuni fis-sena, iżda l-ispejjeż tal-GI jistgħu jissostitwixxu l-investiment aktar għali għall-infrastruttura li ma tidhirx.	
T3	+	Il-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-agrikoltura u l-ekosistemi tal-foresti u s-servizzi tagħhom, inkluża l-ħażna tal-karbonju, il-prevenzjoni tal-erożjoni, il-kontroll tat-tniġġis u l-purifikazzjoni tal-ilma. Sinerġiji mad-WFD.	Possibilitajiet ġodda maħluqa għad-diversifikazzjoni tas-settur agrikolu; titjib fid-dħul tal-bdiewa f'żoni ta' Natura 2000 u tal-HNV; żieda fil-kompetittività u fid-diversifikazzjoni tas-settur tal-forestrija.	Kontribuzzjoni lejn l-iżvilupp rurali f'żoni inqas favoriti; xogħlijiet ġodda.
	-		Spejjeż relatati mal-iffinanzjar mill-miżuri minn pilastru 1 u pilastru 2, li parzjalment jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-amministrazzjoni ta' Natura 2000 u ta' żoni tal-HNV. Hemm possibbiltà ikbar li jkun hemm bdil fil-prijoritajiet ta' nfiq aktar milli fl-ispejjeż netti. L-ispejjeż amministrattivi tal-pjanijiet għall-ġestjoni tal-foresti kienu kkumpensati ħafna permezz ta' ħlasijiet għall-iżvilupp rurali.	
T4	+	Livelli ogħla u aktar sostenibbli ta' popolazzjonijiet tal-ħut, ekosistemi u servizzi tal-baħar ippreservati u mtejba. Sinerġiji mal-MSFD.	Impatt pożittiv fil-tul fuq id-dħul mis-sajd. Iktar effiċjenza fl-infiq pubbliku.	Prevenzjoni tal-effett negattiv fuq l-impjiegi f'każ ta' kollass fl-istokks tal-ħut.
	-		Impatti negattivi fuq tul ta' żmien qasir fuq id-dħul mis-sajd. Spejjeż amministrattivi ogħla biex jiġu evitati l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi.	Spiża soċjali fuq medda ta' żmien qasir għat-tnaqqis tal-flotta fis-settur tas-sajd.
T5	+	Inqas pressjoni fuq l-ispeċi u l-ħabitats mill-IAS. Effetti qawwija ta' sinerġija ma' miri l-oħrajn eż.	Tnaqqis fil-ħsara ekonomika. Stimi approssimattivi juru benefiċċji f'termini ta' spejjeż evitati	Tnaqqis fl-impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, evitar tal-konsegwenzi negattivi fuq l-

		ir-ristorazzjoni ta' ekosistema.	minħabba ħsara ta' EUR 1-9 biljun / sena.	impjiegi, titjib fis-servizzi kulturali u attivitajiet rikreattivi.
	-		EUR 40 miljun–190 miljun / sena.	
T6	+	Titjib fil-bijodiversità globali speċjalment fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, żieda fis-sistemi ekosistemiċi bħall-ħażna tal-karbonju, il-provvista, il-purifikazzjoni u l-preservazzjoni tal-ilma. Xi titjib ankefl-UE .	Benefiċċji ekonomiċi mill-bijodiversità u mis-sistemi ekosistemiċi eż. mitigazzjoni tal-klima, żieda fil-produzzjoni tal-għelejjel permezz tal-pollinazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Id-diversità ġenetika hija ta' benefiċċju għall-UE u għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (kosmetiċi u mediċini). Il-protokoll tal-ABS jagħti ċertezza legali ta' aċċess għar-riżorsi għall-kumpaniji tal-UE.	Taffija tal-faqar. Riskju mnaqqas ta' impatti soċjali tad-diżastri naturali. Benefiċċji għas-saħħa. Titjib fl-għajxien tal-komunitajiet indiġeni permezz tal-iskambju tal-benefiċċji tal-għarfien tradizzjonali.
	-		Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-finanzjament tal-bijodiversità globali għandha tiżdied sal-2020; l-ispiża tal-protokoll tal-ABS għall-industrija tal-UE.	

Tabella 2: Spejjeż u benefiċċji ewlenin tal-ilħuq tal-miri

Ir-rapport jirrevedi l-prijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet fi ħdan kull mira. T2 u T5 jagħtu bidu għall-azzjoni politika f'oqsma li bħalissa mhumiex parti mill-qafas politiku tal-bijodiversità tal-UE u għandhom potenzjal tajjeb biex jipproduċu riżultati sinifikanti u bikrija. Madankollu, titjib fl-implimentazzjoni u fl-integrazzjoni fis-setturi huwa importanti wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali.

5. Iffinanzjar u governanza

Minħabba li finanzjament insuffiċjenti kien fattur ewlieni għalfejn ma ntlaħqitx il-mira tal-UE tal-2010, se jkun importati li jkun żgurat iffinanzjar xieraq u effettiv għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-2020 dwar il-bijodiversità . Filwaqt li għal xi miri l-enfasi se tkun aktar fuq adozzjoni effettiva u r-ridistiribuzzjoni ta' riżorsi eżistenti, se jkun meħtieġ li s-sorsi eżistenti jiżdiedu u oħrajn ġodda – kemm pubbliċi kif ukoll privati – jiġu identifikati u promossi fuq livell tal-UE, fuq livell nazzjonali u fuq livell globali.

Fil-perjodu attwali ta' pprogrammar u mingħajr ma jiġi antiċipat ir-riżultat tan-negozjati fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, dan għandu jintlaħaq permezz tar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli u l-immassimizzar tal-ko-benefiċċji ta' diversi sorsi ta' ffinanzjar, inkluż l-iffinanzjar għall-iżvilupp agrikolu u rurali, għas-sajd, għall-politika reġjonali u għat-tibdil fil-klima. Opportunitajiet offruti permezz tar-riformi politiċi attwali (eż. PAK, PKS u l-politika ta' koeżjoni), l-inizjattivi ta' politiki ġodda (eż. l-inizjattiva ewlenija Effiċjenza fir-Riżorsi) u l-perspettivi finanzjarji li jmiss għandhom jinħatfu biex iwasslu l-mira u l-viżjoni b'mod effiċjenti. L-inklużjoni tal-objettivi tal-bijodiversità għandha tiġi esplorata bħala parti mill-Qafas Strateġiku Komuni li qiegħed jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni biex tipprijoritizza finanzjar taħt il-ħames strumenti tal-iffinanzjar skont il-politiki rurali, reġjonali, soċjali u tas-sajd.

Se jkunu meħtieġa wkoll mekkaniżmi innovattivi ta' ffinanzjar biex jimmobilizzaw fondi kemm minn sorsi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati, fil-livelli kollha. Fuq livell tal-UE u fuq dak nazzjonali, ir-riforma ta' sussidji li jagħmlu ħsara tista' toffri opportunitajiet,

f'konformità mal-Istrateġija 2020 u mal-mira globali tas-CBD. Fuq livell tal-UE, il-Pagamenti għas-Sistemi ekosistemiċi (PES) sejrin jiġu mobilizzati aktar biex jippremjaw oġġetti privati u pubbliċi mill-ekosistemi agrikoli, tal-foresti u tal-baħar. Għandhom jingħataw ukoll inċentivi li jinkoraġġixxu investimenti bil-quddiem fi proġetti infrastrutturali ekoloġiċi u l-manutenzjoni tas-sistemi ekosistemiċi, pereżempju permezz ta' flussi ta' fondi tal-UE li jkunu individwati b'mod aħjar u ta' Sħubiji bejn il-Gvern u l-Privat. Il-potenzjal tal-kumpens mill-bijodiversità se jiġi eżaminat bħala mezz kif jintlaħaq l-approċċ tal-'ebda telf nett'.

Hemm bżonn li l-miri komuni tal-UE u tas-CBD jiġu segwiti permezz ta' taħlita ta' azzjonijiet fuq livell sub-nazzjonali, nazzjonali u dak tal-UE. Dawn ikunu jeħtieġu koordinazzjoni mill-qrib bejn dawk kollha involuti fl-implimentazzjoni. Qiegħed jiġi propost qafas komuni ta' implimentazzjoni li fih, kull Stat Membru jinkorpora l-miri tal-UE fl-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Bijodiversità u fil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu stess u jikkumplimentahom permezz ta' miri nazzjonali kif meħtieġ, b'kunsiderazzjoni wkoll għall-miri globali adottati fis-COP10. L-awtoritajiet lokali u dawk reġjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili jkollhom ukoll irwoli importanti u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-istrateġija teħtieġ li tiġi promossa u ffaċilitata fil-livelli kollha.

6. Monitoraġġ, reviżjoni, komunikazzjoni u t-triq 'il quddiem

Sal-2012, il-Kummissjoni flimkien ma' msieħba oħra, se tiżviluppa qafas loġiku biex b'mod koerenti tissorvelja t-tendenzi u tivvaluta l-progress fuq il-miżuri u l-miri, abbażi tal-linja bażi tal-bijodiversità tal-UE tal-2010 u ta' sett ta' indikaturi armonizzati li sar qbil fuqhom. Se jiġu mfittxija wkoll sinerġiji u integrazzjoni aħjar ma' inizjattivi eżistenti. Il-Kummissjoni sejra tkompli wkoll tindirizza n-nuqqasijiet fl-għarfien, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw ir-rabtiet bejn il-bijodiversità, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. Fuq livell globali, l-UE qiegħda tappoġġja l-isforzi biex tiġi stabbilita Pjattaforma Intergovernattiva tal-politika tax-xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), sabiex issaħħaħ l-interfaċċji bejn ix-xjenza u l-politika.

Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, sejra tiżviluppa sistema ta' rappurtar sempliċi u allinjata mal-obbligi ta' reviżjoni u ta' rappurtar taħt is-CBD kull meta jkun possibbli. Fl-aħħar nett, se jsiru sforzi biex jiżdied il-fehim pubbliku dwar l-importanza tal-bijodiversità u tal-irwol li l-partijiet kollha interessati jista' jkollhom fil-konservazzjoni tal-bijodiversità u fl-assigurazzjoni tal-użu sostenibbli tagħha.

Fuq il-bażi tal-prijoritajiet enfasizzati hawn fuq u l-miri u l-azzjonijiet ippreżentati, il-Kummissjoni se tressaq proposti u inizjattivi konkreti biex twassal il-komponenti differenti tal-Istrateġija, inkluża inizjattiva dwar infrastruttura ambjentali sal-2012, strateġija dwar l-Ispeċi Eżotiċi Invażivi fl-2012; u proposta leġiżlattiva għall-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Qsim tal-Aċċess u l-Benefiċċju fl-2012. Dawn se jkunu akkumpanjati minnvalutazzjonijiet tal-impatt, kif xieraq. Il-proċessi kontinwi ta' riformi politiċi, inklużi dawk tal-PAK, tal-PKS u tal-Politika ta' Koeżjoni, jipprovdu opportunitajiet f'waqthom biex isaħħu s-sinerġiji u jimmassimizzaw il-koerenza mal-miri u l-miżuri tal-istrateġiji dwar il-bijodiversità.

Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija se titlesta sa mhux aktar tard minn kmieni fl-2014, u l-valutazzjoni finali se titlesta fl-2020. Jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-miri fid-dawl ta' informazzjoni ġdida u tikkunsidra passi kumplimentari ulterjuri li

jirriflettu l-iżviluppi relevanti u l-prijoritajiet emerġenti fuq livell nazzjonali, fuq livell tal-UE u fuq livell globali.